# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Frar 2002**

**Numru 6**

**Avviz. numru 796/01mm**

**Albanozzo & Co Ltd**

**vs**

**Nicholsons The Supermarket Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-18 ta' Settembru 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1682.85 bhala prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tad-19 ta' Gunju 2001 u bl-imghax legali mill-10 ta' April 2001, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi :

1. Preliminarjament illi l-ammont pretiz mhux dovut stante illi diga giet imhallsa parti minnu;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, parti mill-ammont pretiz mhux dovut, stante arrangament li hemm ezistenti bejn is-socjeta' esponenti u l-attur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi bejn iz-zewg socjetajiet kien hemm relazzjoni kummercjali illi kienet tmur lura diversi snin. Is-socjeta' attrici kienet tipprovdi merkanzija lis-socjeta' konvenuta li minn naha l-ohra kellha zmien sa erba xhur sabiex thallas ghal din il-merkanzija, fil-frattemp tircievi merkanzija ohra biex b'hekk tkun tista thallas dak li tkun irceviet qabel. Dan il-ftehim baqa jsehh ghal diversi snin, biss jidher li fis-sena 2001 is-socjeta' konvenuta dahlet f'xi problemi finanzjarji u ma setghetx aktar tlahhaq mal-pagamenti illi kienu qeghdin jigu mitluba minnha.

Is-socjeta' attrici ghalhekk iddecidiet illi ma tkomplix tforni merkanzija lis-socjeta' konvenuta meta l-fatturi taghha baqghu ghal aktar minn sitt xhur mhux imhallsa. L-ammont irreklamat

mis-socjeta' attrici ma jidhirx li huwa kkontestat mis-socjeta' konvenuta, li minn naha taghha tghid biss illi ghamlet pagament ta' tlett mija u tmintax-il lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm318.43c). Dan il-pagament sar tramite cheque datat 2 ta' Ottubru 2001 liema cheque pero' gie pprezentat il-bank mill-anqas erbgha darbiet u kull darba jigi *referred to drawer.* Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta jghid illi ma kienx jaf illi dan ic-cheque ma giex onerat.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ssibha ferm difficli biex tikkondividi r-raguni l-ghaliex ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ddecieda illi ma jhallasx l-ammont illi qed jigi reklamat mis-socjeta' attrici. Dana jghid illi peress illi s-socjeta' attrici waqfet milli tibghat merkanzija, allura dana huwa ksur tal-ftehim illi kien hemm bejniethom u ghalhekk iddecieda illi ma jibqax ihallas ghal merkanzija li kien irceiva qabel. Veru illi fil-mori ta' din il-kawza gie suggerit ftehim fis-sens li s-socjeta' attrici tibqa' tforni merkanzija lis-socjeta' konvenuta, thallas ghal din il-merkanzija mmedjatament u dawn l-arretrati kif mitluba f'dan l-avviz jibdew jithallsu minn Lulju. Dan il-ftehim pero' ma giex accettat mis-socjeta' attrici peress illi ma kellhiex il-fiducja illi s-socjeta' konvenuta kienet f'posizzjoni illi tonera dan il-ftehim, u ghalhekk ma ridietx tkompli tkabbar il-pjaga aktar milli qieghda diga.

Ikkunsidrat:

Dan ir-ragunament jaghmel sens kummercjali. Sakemm ir-rota tibqa' ddur u l-merkanzija tibqa' tithallas fit-terminu stabbilit, allura s-socjeta' konvenuta setghet tippretendi illi s-socjeta' attrici tibqa' tforniha bil-merkanzija kif kien dejjem isir, darba pero' waqfu l-pagamenti, gustament is-socjeta' attrici riedet taghmel mizuri sabiex tipprotegi l-interessi taghha. Dawn il-mizuri kienu jinkludu t-twaqqif immedjatament ta' aktar fornitura tal-merkanzija u l-istituzzjoni ta' dawn il-proceduri biex jigu kawtelati d-drittijiet taghha.

Il-Qorti ma tara xejn hazin illi persuna tadixxi l-ligi sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha. L-ammont reklamat fl-avviz mhuwiex kontestat. Dana qalu l-istess rapprezentant tas-socjeta' konvenuta li pero' gab skuza ferm banali l-ghaliex ma kienx f'posizzjoni illi jhallas lis-socjeta' attrici. Il-Qorti pero' hija sodisfatta illi mill-provi illi gew prodotti, s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha. L-ammont li hemm reklamat jidher spjegat fl-istatement illi esebixxa Victor Albanozzo d-direttur tas-socjeta' attrici, liema statement huwa korrett u l-Qorti ma ssib xejn x'tista tikkummenta dwaru.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallasha s-somma ta' elf sitt mija u tnejn u tmenin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm1682.85c) bhala prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg